Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum l-1 ta' Frar 2024**

**Kump. Nru. 672/2016**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Matthew Saliba**
**(136288M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Matthew Saliba, bil-karta tal-identita numru 136288M.

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, fil-11 ta' Novembru 2016, ghall-habta ta' l-erbgha neqsin kwart ta' wara nofs inn-nhar (3.45pm) fi Triq il-Balal, San Gwann u/jew fil-vicinanzi:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Roderick Bartolo (Art 214, 216 (1)(a)(ii), Art 216 (1)(a) (iii), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qajjem rewwixta jew glieda bil-hsieb li jaghmel omicidju jew offiza fuq il-persuna ta' Roderick Bartolo (Art 238(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe` nuccali ghad-dannu ta' Roderick Bartolo liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin euro (€250). (Art 325 (1) (c) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

4. Talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, qal xi kliem oxxen fil-pubbliku (Art 338(bb) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

5. Talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, volontarjamet kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied (Art 338(dd) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

6. Talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, hebb kontra Roderick Bartolo sabiex jingurjah, iddejqu jew jaghmillu hsara (Art 339(1)(d) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

7. Talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded lil Roderick Bartolo u f'kaz li kien provokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni (Art 339 (1)(e) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

8. Talli rrenda ruhhu recediv b'sentenza tal-Qorti li ma jistawx jinbidlu u li issa saru definittivi (artikolu 49 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti intalbet ukoll sabiex minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidhrilha xierqa, tipprovdi ghas-sigurta ta' Roderick Bartolo jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflokk il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hatja b'obbligazzjoni taghha innifisa taht penali ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet datat 16 ta' Lulju 2018 mill-Prim Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali datat 30 ta' Dicembru 2016 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat ix-xhieda.

Semghat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi Roderick Bartolo[1] xehed fejn qal illi fil-11 ta' Novembru 2016, waqt illi kien qieghed jsuq tal-linja mill-Belt ghal San Gwann hdejn il-fabbriki u lura lejn il-Belt, x'hin kien fit-triq qabel ir-*roundabout* tal-Juniors sema' xi hadd jdoqq il-horn. Hu njorah u baqa' mixi bil-mod lejn ir-roundabout

[1] Fol. 27 et seq

ghax kien hemm hafna traffiku. Hu kien mar-*roundabout* qed jdur biex jmur lura lejn San Gwann, giet karrozza BMW blu ma genbu, u x-xufier beda jghidlu suq suq, u hu wiegbu *fejn tridni mmur* u waqaf, u s-sewwwieq l-iehor hareg mill-karrozza u mar magenb it-tieqa tax-xufier tat-trakk tieghu, u rega' qallu biex jsuq u meta wiegbu fejn tridni mmur, waqt illi kien ghadu fit-trakk, ix-xhud qala daqqa mal-genb ta' wiccu fuq il-lemin, bic-catt minghand l-imputat u l-imputat hataflu n-nuccali, qasmu u waddbu u qallu 'inzel ha nfaqqghek'. Ix-xhud wiegbu li ma' kienx ser jcaqlaq it-trakk u ma' kienx ser jinzel u ghafas il-buttuna li jaqbad mal-*control room* izda ma' wiegbu hadd u meta beda jcempel bil-mobile, qalulu biex jiftah il-bieb biex jara l-karrozza. Ix-xhud qal illi hu ma' setax jara, ghax l-imputat kien kissirlu n-nuccali, u fil-fatt gabruh in-nies wara, u kif hu fetah il-bieb, l-imputat rega' mar u qallu biex jinzel ha jfaqqghu u waqt illi kien qieghed jitkellem mal-*control room,* l-imputat gibdu mill-flokk u kaxxkru l-barra mit-trakk. L-imputat lix-xhud habbatlu rasu mal-hgiega tat-trakk kemm il-darba u beda jtiegh gol-istonku sakemm qalghuhom in-nies. Ix-xhud qal illi kien sturdut u mar il-polyclinic, kellu snienu jugghawh u jiccaqalqu, u kien ghadu qieghed jmur ghand id-dentist biex jirranghom. Ix-xhud kompla jghid illi wara beda jirrimetti u ghamlulu CT scan minhabba *concussion*. Ghalkemm kienu ghaddew xahrejn, kien ghadu ma' jsuqx u kien ghadu ma' marx lura x-xoghol. Hu kien bezghan ghalih u ghat-tifla u l-familja, u ried garanzija ghax waqt illi kien qieghed jara loghba tal-footbal, l-imputat kien mar hdejh fil-*half time* u hu kellu jicaqlaq, u wara l-loghba l-imputat rega' waqaf quddiemu. Ix-xhud qal illi kien ghadu jhossu stordut meta jqum jew jitbaxxa, u ma' kienx ghadu jaf meta t-tabib kien ser jghidlu li jista' jidhol xoghol. Ix-xhud pprezenta kopja tar-rapport ta' korriment immarkat Dok RB1 u *discharge note* mmarkat Dok RB2. Fil-kontro ezami[2] x-xhud jghid illi kellu licenzja minn meta kellu tmintax-il sena u kien ilu jsuq trakk tal-linja tlett snin. Ix-xhud ikkonferma illi hu kien gej minn taz-Zwejt, meta gie mat-T junction, ittawwal, ma' kien gej hadd u xeghel l-*indicator* biex jmur l-isfel. Mistoqsi jekk jiftakarx illi kien hemm Subaru abjad mat-T junction, jghid illi ma' jiftakarx, u ma' jiftakarx illi kif ghadda s-Subaru baqa' jdur fuq il-lemin tieghu, minkejja li kien hemm il-footage propju dak immarkat bin-numru 9 u l-hin li jibda 15.35. Gie ipprezentat dokument li gie mmarkat bhala Dok AA1[3] li huwa mappa ta' fejn sehh l-incident, u giet murija lix-xhud li mmarka l-istage b'ittra A fejn hemm

[2] Fol. 116 u 132
[3] Fol. 131

miktub Hgejjeg u mmarka l-*via* li ha minn Triq V Borg Bared sa fejn sehh l-incident li giet mmarkata bl-ittra B. Ix-xhud ikkonferma illi qabel ma' tohrog ghat-Triq id-Disgha ta' Frar hemm *stop sign*, u jkunu gejjin karozzi min-naha tax-xellug. Hu ra l-video u hu kien waqaf, ghax kienet ghaddejja l-karozza bajda, u hu hareg wara l-karrozza. Hu jghid illi l-BMW ma' kienitz ezatt wara l-karrozza bajda u cahad li ma' harisx lejn ix-xellug, ghax fil-fatt halla l-karozza l-bajda tghaddi. Ix-xhud mistoqsi kif seta' jara l-karozza, meta wiccu fil-footage baqa' jhares dritt u ma harisx lejn ix-xellug, insista li kieku ma' harisx kien jifqa' l-karrozza l-bajda u mhux johrog warajha. Hu mexa wara l-karozza l-bajda bin-numru HBD994 u waqaf warajha meta waqfet fis-*stop sign*. Wara li harget il-karozza l-bajda, hu waqaf mas-*stop sign* u hareg fit-triq wara karozza *silver* bin-numru IRO 750. Hu ma' ndunax li l-imputat kien qieghed jigri warajh, sakemm nduna bih meta beda jdur mar-roundabout imma ma' kienx jaf x'gara. Fil-fatt fil-camera jidher li hu kemm hares fil-mera imma m'ghamilx gesti u hareg rasu meta kien mar-*roundabout* fil-fatt il-hin kien 15.45.53. Fil-hin li gie mar-roundabout, l-imputat beda jdoqqlu l-horn u jghajjat u kien dak il-hin li hares mit-tieqa biex jara x'kien qed jigri. Hu kull ma' qallu kien 'x'gara?', izda r-ragel beda jghid suq suq u jghajjat. Hu kien mwahhal fit-traffiku, u ra lill-imputat jinzel mill-karozza u mar mat-tieqa tieghu jghajjat u dahhal idejh mit-tieqa u tah daqqa u hataflu n-nuccali ghax kien fih ragel. Hu m'ghalaqx it-tieqa ghax ma' basarx li kien ser johrog idejh. Hu kien ga wieqaf u ma' saqx, u lanqas ma' nizel minn tal-linja, izda cempel lil-kumpanija. Hu ma jafx x'ghamel l-imputat, ghax hu baqa' f'tal-linja u cahad li nizel minn tal-linja. Hu nizel mis-*seat* u mar hdejn il-magna tal-biljetti ghax hemm telefon biex iccempel lill-*control room* minnu, u wara cemplulu fuq il-mobile u qalulu biex jsuq, imma hu ma' setax, ghax ma' jsuqx minghajr nuccali tal-vista li kien mkisser, u hu kellu xokk fuqu. X'hin ra n-nies nezlin, l-imputat rega' mar mal-bieba. Ix-xhud fetah il-bieb biex jinzlu n-nies, ghax sakemm cempel kien ghadu maghluq, tant illi hu qatt ma' nizel. Hu ma jafx fejn kien l-imputat, sakemm meta bdew nizlin in-nies, rega' ra lill-imputat mal-bieb . L-imputat tela' ghalih u nizlu meta gibdu mill-flokk tax-xoghol. Hu cahad illi qal lill-imputat ejja *chicken*, jew li f'xi hin instigah bit-tghajjir ghax hu qatt ma' nizel mit-trakk. L-imputat gie darbtejn ghalih, l-ewwel mal-hgiega u t-tieni darba mal-bieb, u x-xhud rah il-ground xi granet wara. It-tabiba kienet qaltlu biex ma' jsuqx u ma' jkunx wahdu ghax kien jistordi. Ix-xhud ikkonferma li siefer mat-tifla, ghax kien ibbukja ferm qabel biex jaraw loghba, izda l-ewwel kien ha parir mit-tobba jekk setax jsiefer. Wara id-daqqa kellu ugigh fi snienu u kien mar ghat-terapija minhabba fl-

isturdament u dam xi sena jhossu stordut. Ix-xhud cahad illi kellu problema fi sienu minn qabel l-incident, minhabba li kien jiehu l-Methadone.

Illi xehdet id-dentista Kirsty Galea[4], fejn qalet illi l-ewwel darba li rat lil Roderick Bartolo kien fit-12 ta' Novembru 2016, meta kien qalilha li il-gurnata ta' qabel kellu incident, ghax kien ghamel ghalih xi hadd u kellu ugigh f'snienu. X'hin ezaminatu sabet li kellu hames *fillings* li gew imcaqalqin u kellhom bzonn jinbidlu u sinna wahda li giet totalment imqaccta u kien fadal biss il-perm gewwa l-hanek. Hi ikkonfermat ir-rapport esebit fl-atti. Kien hemm zewg sinniet li kienu gravi, it-tnejn qudddiem, jidhru mix-xoffa u fuq in-naha tal-lemin. Wahda minnhom in-naha t'isfel kienet tqacctet kompletament, u s-sinna l-ohra fin-naha ta' fuq kellha *filling* kbir hafna li gie mcaqlaq u ma' setatx sempliciment taghmel replacement tieghu, imma kellu bzonn vit gos-sinna biex il-*filling* jitqabbad. Hi kien fadlilha taghmel *cover* fuq is-sinna ta' fuq . Is-sinna ta' isfel kienet ghadha qieghda tinbena ghax kellha ssir implant, u wara li taqla l-perm trid tistenna' tlett xhur qabel ma tibda bit-trattament tal-implant. Fil-kontro ezami ix-xhud ikkonfermat li lil Roderick qatt ma' kienet ratu qabel, u is-snien kollha kellhom *fillings* li saru minn xi dentist iehor. Ma' setghetx tghid jekk is-sinna fin-naha t'isfel li kienet mqaccta kellhiex *filling* ghax ma' kien fadal xejn mis-sinna hlief il-perm li fil-fatt kien san.

Illi xehed James Abela ghan-nom ta' Transport Malta,[5] fejn ipprezenta CCTV footage tal-11 ta' Novembru 2016, tal-bus 686 immarkat bhala Dok JA1[6]. Fuq kull bus hemm 4 cameras, u l-footage jingibed *remotely* u hu kien ghamel *request* minn fuq is-server li tibghat via 3G mill-bus, biex x'hin tidhol ikollha l-*footage* tal-perjodu partikolari u jigi downloaded mis-server. Ix-xhud spjega illi generalment ma' jkunx hemm biss il-perjodu mitlub imma anke x'jkun gara qabel u wara. Wara xahrejn is-CCTV jigi mhassar minhabba *data protection*.

Illi fis-16 ta' Marzu 2017, PC83 Wayne Bonello[7] xehed illi kien gie mitlub jippreserva u jiddownlodja zewg filmati li kienu dehru fuq facebook tan-

[4] Fol. 45
[5] Fol. 52
[6] Fol. 57
[7] Fol. 59

Net News u ipprezenta kopja tal-filmati immarkati bhala Dok WB1[8]. Ix-xhud spjega illi mhux possibbli tkun taf minn jkun tella' l-ewwel filmat fuq facebook, ghax jekk xi hadd jtella' post u wara jhassru ma' tistax tkun taf.

Illi xehdet Rita Attard[9] fejn qalet illi f'Novembru 2016, kienet fuq il-bus u x'hin kienu wasslu San Gwann, fejn ir-*roundabout* taz-Zwejt, waqfet il-bus f'daqqa u mar ragel mat-tieqa tax-xufier u inqala' paniku fil-bus, kulhadd jwerzaq, ghax ir-ragel li kien mar jkellem lix-xufier mat-tieqa tela' ghalih u aggredixxieh. Ma tiftakarx xi kliem intqal u lanqas ma' taraf ir-ragel jew ix-xufier, ghax kienet ecitata u bdiet iccempel lill-pulizija, ghax kollox gara f'daqqa. Meta gew il-Pulizija zammewha hemm u hadulha d-dettalji taghha. Il-karrozza tal-linja baqghet wieqfa u r-ragel l-iehor gie jkellem ix-xufier mat-tieqa, ix-xufier hareg mill-gabina u qabad il-mobile u r-ragel tela' ghax-xufier u qabdu u nizlu l-isfel u beda jghidlu xi haga u jhabbtu mal-karozza in-naha minn fejn jinzlu l-passigieri. Ix-xufier m'ghamel xejn ghax ma' setghax jiddefendi ruhhu, u marru hafna nies jaghtuh l-ghajnuna, u qabel ma' wasslu l-Pulizija, r-ragel kien telaq minn fuq il-post.  Ix-xhud tiftakar biss illi r-ragel li tela' ghax xufier kien twil u x-xufier kien qasir. Fil-kontro ezami x-xhud ikkonfermat illi kienu f'nofs ir-*roundabout*, ta' hdejn il Juniors sejrin lejn San Gwann, kienu kwazi daru maghha, il-karrozza kienet qieghda thares lejn Juniors. Il-karrozza l-ohra ma' tafx mill-liema naha gie x-xufier, ghax il-bus kienet skura ma' tara xejn wara. Ix-xhud qalet illi marret persuna tkellem lix-xufier mat-tieqa tieghu, in-naha tal-lemin, izda hi ma' semghetx ghajjat, jew kliem hazin, lanqas ma' rat lil xi hadd jaqla' daqqa ta' ponn. Ix-xufier mbaghad nizel mill-gabina u mar hdejn il-bieb fuq in-naha tax-xellug, u ma' semghetux jghid xi kliem ghax qabad il-mobile f'idu biss u fetah il-bieb. Hi rrabjat li x-xufier fetah il-bieb, ghax bezghet x'seta' jaghmel l-iehor ghax dan mar hdejn il-bieb u beda jghajjru u jghidlu 'inzel, inzel'.

Illi fil-25 ta' Mejju 2017, xehdet Francesca Drury[10] fejn qalet illi f'Novembru 2016, kienet hdejn l-Ultimate direzzjoni San Gwann u rat zewg min-nies jiggieldu imma ma' tafx x'gara ezatt. Hi kienet tellghat filmat fuq facebook tal-glieda, u r-ragel taghha kien qalilha biex tnehhieh, dan kien it-tielet filmat fid-dokument mmarkat Dok WB1. Ix-xhud

---

[8] Fol. 61
[9] Fol. 62
[10] Fol. 80

qaghlet li kien hemm karozza tal-linja u karozza, izda m'gharfet lil hadd fl-awla.

Illi xehed is-Supretendent Trevor Micallef[11] fejn qal li f'xi 3.45pm tal-11 ta' Novembru 2016, kien infurmah PS125, li kien hemm incident San Gwann bejn xufier ta' tal-linja u xufier ta' BMW, u li kien hemm filmat tal-incident fejn persuna, li wara saru jafu li kien Matthew Saliba, kien hebb ghax-xufier ta' tal-linja Roderick Bartolo, li kellu nuccali u flokk mqatta. Wara l-*parte civile* kien ipprezentalu certifikat tat-tabib u iehor tad-dentista fejn kellu ksur fis-snien. Hu kien ha l-istqarrija ta' Matthew Saliba, li kien ghazel li ma' jitkellimx m'Avukat, fejn dan qal illi x-xufier kien qed jsuq b'mod traskurat u kien ipprovokah. Hu kien kellem ukoll lil Roderick Bartolo fit-18 ta' Novembru 2016, li kien qallu li x-xufier tal-karozzza kien hareg mill-karozza u mar hdejn it-tieqa tieghu, qabadlu n-nuccali u kissru u tah daqqa ta' ponn. Ix-xufier qam u mar hdejn il-bieb biex jipprova jiehu filmat tal-karrozza tal-imputat, u l-imputat rega' mar ghalih fuq tal-linja. Roderick bartolo tah certifikat mediku  mahrug minnn Dr Lara Micallef u certifikat tad-dentist, xrays tas-snin u ritratt tan-nuccali mkisser. Ix-xhud pprezenta zewg sentenzi fil-konfront tal-imputat li jinsabu *a fol.* 102 u 105. Fil-kontro ezami ix-xhud qal, illi Matthew Saliba kien qallu li kien niezel dritt minn taz-Zwejt fejn il-flats tal-gvern, u hin minnhom tfacca xarabank mill-genb tat-triq. Kif resaq vicin tieghu ix-xufier zied l-ispeed u hu zamm il-brejk u ghadda qabblu. Kif zamm il-brejk it-tifel tieghu li kien wara inhasad, u beda jibki u hu beda jdoqq il-horn u x-xufier hareg rasu mit-tieqa u beda joffendih u hu nizel mill-karozza. Ikkonferma li fil-fatt it-Triq kienet dritta u hu kellu dritt li jghaddi, u li l-imputat kien lmenta mieghu li Roderick saq fuqu u kien kwazi faqqahom fejn seta' jwegga' lilu, lill-mara u lit-tifel. L-imputat qallu ukoll li lill-*parte civile* beda joffendih u hareg u mbutalu wiccu u qallu *'inti taf x'int taghmel'* u kien mar lura fil-karozza. Ix-xhud ikkonferma illi mill-*footage* jidher li fl-ewwel incident l-imputat kien gej minn taz-Zwejt, waqt illi fit-tieni incident kien jidher illi l-imputat kien gej min-naha tal-Vibes. L-imputat kien qallu li x-xufier tal-Linja kien mar fuq l-istaffa u beda jghajru *chicken* u paroli simili. Ix-xhud ma' jiftakarx li kien semmielu xi ritratti fuq social media jew minn fejn kienu gew, ghax l-imputat ma' tahx footage iehor, hu kien jaf biss bil-footage li deher fuq it-TV. Ix-xhud ipprezenta zewg sentenzi fil-konfront tal-imputat.

[11] Fol. 83

Illi xehdet Dr Lara Micallef[12] li ikkonfermat li c-certifikat *a fol.* 6 tal-process kien inhareg minnha wara li rat lil Roderick Bartolo fil-11 ta' Novembru 2016 fic-centru tas-sahha, li kellu ugigh f'zaqqu u sidru, bruising u swelling fil-wicc u kellu wahda mis-sinniet ta' quddiem mkissra, u hi kklasifikat il-griehi bhala gravi minhabba difett fil-wicc ghax kellu s-sinna ta' quddiem imkissra.

Illi fit-23 ta' Novembru 2017 xehdet Profs Elena Pace Balzan[13] li tahdem fid-dipartiment tal-ENT u l-ispecjalita' taghha hija Audio Vestibular Medicine, li huwa dwar smiegh u stordament fuq il-widna ta' gewwa. Hi ezaminat lil Roderick Bartolo f'April 2017 u sabet illi kien qieghed jbati minn *benign positiona vertigo* li jhoss sturdamenti ma' certu caqliq tar-ras. Wahda mir-ragunijiet ghalfejn jigru huwa minhabba trauma fir-ras. Hu qalilha li f'Novembru 2016, kellu trauma fir-ras ghax kien gie msawwat. Hi kienet ghamlitlu certifikat ghax-xoghol tieghu, fejn sabet li kellu *benign proximas positional vertigo* u li ghamlitlu trattament li jghidulu *practical positional manouver.* Hu ma' kienx qieghed jmur ghax-xoghol peress illi xogholu jsuq, imma kellu certifikat minghand tobba ohra.

Illi fid-29 ta' Ottubru 2020 xehed l-imputat Matthew Saliba[14] dwar incident li kellu gewwa San Gwann fl-inhawi ta' taz-Zwejt, bejn it-3.30 u 3.45pm, izda ma' jiftakarx id-data, imma fl-2018 minghalih. Gie muri pjanta tal-inhawi fejn sehh l-incident *a fol.* 131 u mmarka bil-biro hamra bl-ittra S minn fejn kien gej hu, u bl-ittra A fejn kienet ix-xarabank. Fil-karozza tieghu BMW sewda, kellu t-tifel tieghu li kellu 10 snin fis-seat ta' wara, fin-naha tieghu kellu wkoll it-tfajla tieghu, huma kienu mexjin fid-direzzjoni tar-roundabout. F'daqqa wahda baqghet hierga xarabank bis-sahha mit-triq tal-genb, minghajr ma' kkalkulatu, u kieku ma' zammx il-brejk kien jahbat fih. It-tifel beda jibki u l-mara tghajjat, u dak il-hin beda jdoqq il-horn ghax kien ippanikja. Hu mexa wara x-xarabank u baqa' jdoqqlu il-horn u x-xufier hareg rasu mit-tieqa tax-xarabank, u beda jaghmillu mossi b'idu bis-suba' tan-nofs u jkellmu hazin u joffendih bil-kliem '*liba, foxx kemm ghandek*'. Hu nizel mill-karozza u mar hdejn it-tieqa tieghu u qallu '*taf x'il madonna qed taghmel kwazi qtiltlna'* u x-xufier tal-linja baqa' joffendih *'b'oxx kemm ghandu',* u l-imputat imbuttalu wiccu mit-tieqa u kissirlu n-nuccali u telaq lura fil-karozza. X'hin beda jsuq ra x-xufier fuq l-istaffa u beda jghajjatlu u jghidlu '*mela sejjer chicken'* u li kien

[12] Fol. 87
[13] Fol. 93
[14] Fol. 159

qed jistennieh, u l-imputat rega' nizel u mar hdejn l-istaffa, u l-bieba kienet miftuha u hu gibed lix-xufier tal-Linja l-isfel mill-flokk. Ix-xufier imbuttah, u hu pprova jhabbatlu rasu tlett darbiet, imma fl-ebda hin ma' habbtet mal-hgiega. Il-mara tieghu u ragel iehor ippruvaw jferrquhom u hu telaq u mar l-ghassa jaghmel rapport kontra x-xufier. Fil-kontro ezami l-imputat ikkonferma li l-karozza tieghu qatt ma' kienet quddiem ix-xarabank, u li fit-triq kien hemm naqra traffiku. Izda x-xarabank ma' hargitx bil-mod, ghax kieku m'ghafasx il-brejk bis-salt kien jahbat go fih fin-naha tieghu u tat-tifel, u l-imputar spicca warajh fit-triq, ghax hu kien waqaf. Ix-xufier tal-Linja beda jaghmel il-mossi u johrog nofsu mit-tieqa, x'hin kienu weqfin fit-traffiku meta kienu hdejn it-*take away*, u hu baqa' jdoqqlu l-horn it-triq kollu. Hu seta' baqa' sejjer lejn id-direzzjoni tal-Vibes, ghax ix-xarabank kienet ga fuq ir-*roundabout* u kien hemm tul ta' karozza bejniethom. Wara l-ewwel incident rega' mar lura lejn il-karozza u kien beda jsuq fid-direzzjoni tal-Vibes u ra x-xufier fuq l-istaffa jghajjru. L-imputat ikkonferma li hareg darbtejn mill-karozza, ghax gie pprovokat tlett darbiet. Ma jafx li x-xufier kien bil-mobile f'idejh meta kien fuq l-istaffa, imma jaf li kien bil-bieba miftuha u lilu beda jghajru *chicken*. L-imputat ikkonferma illi x-xufier qatt ma' nizel mill-karrozza, kien hu li gibdu l-isfel mill-flokk mit-triq, ghax hu ma' telax fuq l-istaffa. L-imputat ikkonferma illi lix-xufier tal-Linja hargu barra u ghalkemm ipprova jhabbatlu rasu mal-genb tal karozza tal-linja ma' rnexxielux. L-imputat qal illi waqfu anzjan, ragel u t-tfajla tieghu biex jwaqqfuhom, izda cahad li l-*parte civile* beda jghidlu biex jieqaf ghax baqa' jissielet, u cahad li hu pprova jahrab.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat qed jigi akkuzat bi tmien akkuzi, u cioe' li kkaguna ferita gravi lill-*parte civile* Roderick Bartolo, li qajjem glieda bil-hsieb li jaghmel offiza, li hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, li qal kliem oxxen fil-pubbliku, li kiser il-buon ordni, li hebb ghal *parte civile* kif ukoll ingurjah u heddu, kif ukoll li rrenda ruhu recidiv.

<u>In-Natura tal-Griehi</u>

Illi rigward in-natura tal-griehi li sofra il-*parte civile* f'wiccu u fi snienu li li gew iccertifikati bhala griehi ta' natura gravi, il-Qorti taghmel referenza

ghas-sentenza '**Il-Pulizija v. Fortunato Sultana'**[15]**,** fejn jinghad illi l-ligi ma' tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghall-hekk imsejha "offiza gravissima" skont l-artikolu 218(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi qed issir referenza ukoll ghas-sentenza 'Il**-Pulizija v. Francis Dingli'**[16] fejn intqal illi;

"L-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet tal-gisem, fosthom fil-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dan il-mankament jew sfregju jkun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sighat, granet, gimghat jew xhur. Jekk, mbaghad, l-isfregju jkun gravi u permanenti jkun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-artikolu 218(1)(b)....

L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-Qorti tiddeciedi jekk offiza ggibx sfregju fil-wicc omeno jrid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga`nghad, ghall-finijiet tal-artikolu 216(1)(b) sfregju anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti jkunu ghadhom f'posthom, jammonta ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi aktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju."

Din il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal fis-sentenza 'Il-**Pulizija v. Antonio sive Anthony Randich'**[17];

"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti

[15] Deciza 5 ta' Frar 1998
[16] Qorti ta' Appell Kriminali, Deciza 12 ta' Settembru 1996
[17] Qorti ta' Appell Kriminali, Deciza 2 ta' Settembru 1999

tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali."

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta illi l-*parte civile* kien qieghed jsuq ix-xarabank gewwa taz-Zwejt f'San Gwann, u li skond l-akkuzat, dan hareg mit-triq b'sewqan eccessiv, tant li kieku l-akkuzat ma' zammx il-brejk, kien jahbat go fih. L-akkuzat baqa' jdoqq il-horn it-triq kollha sakemm waslu hdejn ir-*roundabout* tal-Juniors, u skond l-akkuzat ix-xufier beda jghajjru u joffendih u johrog rasu mit-tieqa. Hekk kif il-*parte civile* waqqaf ix-xarabank mar-*roundabout,* l-imputat hareg mill-karrozza u mar mat-tieqa tax-xarabank, u wara li kien hemm argument bil-kliem bejn il-partijiet, l-imputat ta' daqqa lix-xufier f'wiccu u kissirlu n-nuccali. Wara li telaq l-imputat, x-xufier beda jipprova jaqbad mal-control room, izda hadd ma' wiegbu u dan hareg minn postu biex icempel mill-mobile u fetah il-bieba tax-xarabank, u dak il-hin rega' gie l-imputat jghajjru u jaggredih u gibdu l-isfel mill-flokk u beda jhabbatlu rasu max-xarabank. Fil-fatt jirrizulta illi gew xi nies jippruvaw jwaqqfuh. Dan kollu inqabad fuq camera minn persuna li kienet fil-vicinanzi u kien hemm ukoll video li deher fuq il-mezzi tax-xandir, li gew ipprezentati fl-atti tal-kawza. Xehdu t-tobba u d-dentista li ezaminat lill-*parte civile* wara l-incident odjern u gew ipprezentati, certifikat mediku tat-tabib kif ukoll rapport tad-dentista, u stima tan-nuccalli tal-*parte civile*.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali kif ukoll il-filmati, kif ukoll semghet u qrat ix-xhieda, il-Qorti hija konvinta illi t-tieni (2) u r-raba'(4) imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' l-imputat ma' gewx ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi, filwaqt illi l-ewwel (1), it-tielet (3), il-hames (5), is-sitt (6), is-seba'(7) u t-tmien (8) imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' l-imputat, gew ippruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed **tillibera** lill-imputat **mit-tieni (2) u r-raba' (4) akkuza** u wara li rat Artikolu 7, 8, 31, 49, 216 (1)(a)(ii)(iii), 325(1)(c), 338(dd), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda ssib lill-imputat **Matthew Saliba hati ta' l-ewwel (1), it-tielet (3), il-hames (5), is-sitt(6), is-seba'(7) u t-tmien(8) imputazzjoni migjuba kontrieh u qed tikkundannah ghal sena (1) prigunerija** illi b'applikazzjoni ta' l-**Artikolu 28A tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu **sospizi ghal perjodu ta' tlett (3) snin**.

Kif ukoll ai termini tal-**Artikolu 28H(1)** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati Matthew Saliba ihallas lill-*parte civile* **Roderick Bartolo l-ammont ta' mija u sebgha u hamsin Euro u dsatax-il centezmu (€157.19), u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28H(2)** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-hati qed jinghata **zmien sitt xhur millum sabiex ihallas lill-parti leza.**

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile***, Roderick Bartolo ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qeda torbot lill-hati **Matthew Saliba** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mill-llum** u dan billi ma' jimmolestax, ma' jddejjaqx u ma' jingurjax lill-*parte civile***.**

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**